

Brussell, 23 ta' Marzu 2026  
(OR. en)

7427/26

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2023/0404 (COD)

---

---

CODEC 471  
MIGR 86  
JAI 365  
ASIM 22  
SOC 162  
EMPL 71  
EDUC 88

#### NOTA PUNT "I/A"

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill  
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

---

Suġġett: Abbozz ta' **REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL** dwar l-istabbiliment ta' Riżerva ta' Talenti tal-UE **(l-ewwel qari)**  
- Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

---

1. Fil-15 ta' Novembru 2023 il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta<sup>1</sup> tagħha, ibbażata fuq l-Artikolu 79(2), il-punt (a), TFUE.
2. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ta l-opinjoni tiegħu fid-9 ta' Jannar 2024<sup>2</sup>.
3. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fil-25 ta' April 2024<sup>3</sup>.
4. Il-Kumitat tar-Reġjuni ġie kkonsultat u ddeċieda li ma jagħtix opinjoni.

---

<sup>1</sup> 15550/23 + ADD 1 sa ADD 5.

<sup>2</sup> [https://www.edps.europa.eu/system/files/2024-01/24-01-09\\_opinion\\_regulation\\_eu\\_talent\\_pool\\_en.pdf](https://www.edps.europa.eu/system/files/2024-01/24-01-09_opinion_regulation_eu_talent_pool_en.pdf)

<sup>3</sup> ĠU C, C/2024/4067, 12.7.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2024/4067/oj>.

5. Fl-10 ta' Marzu 2026, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni<sup>4</sup>. L-eżitu tal-votazzjoni fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet, u għalhekk għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill.
6. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill<sup>5</sup> japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE-CONS 62/25, bħala punt "A" ta' laqgħa li jmiss, bl-astensjoni tal-Ungerija u n-Netherlands.
7. Id-dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill jinsabu fl-Addendum ta' din in-nota.
8. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislativ jiġi adottat.

Wara li jiġi ffirmat mill-President tal-Parlament Ewropew u dak tal-Kunsill, l-att leġislativ ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

---

<sup>4</sup> 7299/26.

<sup>5</sup> F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-TUE u mat-TFUE, id-Danimarka mhijiex qed tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.